22 ta' Jannar, 1946.

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Giovanna Cuschieri *versus* Carmela Chircop et.

**Liċitazzjoni — Subasta — Servitù — Ħsara tal-Gwerra — Spejjeż — Relazzjoni tal-Perit — Art. [illegible] tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-perit li jiġi maħtur mill-Qorti biex jagħmel deskrizzjoni, u stima tal-fond li għandu jinbiegħ b'subasta jew b'liċitazzjoni, għandu jindika fir-relazzjoni tiegħu mhux biss dawk l-oneri li jirriżultaw mill-informazzjonijiet li jagħtuh il-partijiet fil-każ ta' liċitazzjoni, jew il-kreditur u d-debitur fil-każ ta' subasta, imma anki dawk l-oneri u servitujiet kollha li huwa jikkonstata "de visu", bħalma huma s-servitujiet li huwa jikkonstata għax idhru fl-għajnejn.*

*Fil-każ li l-fond ikun fih xi ħsara tal-gwerra, il-prattika hija illi l-perit jieħu konsiderazzjoni tal-fond bħala li jista' jissewwa bi spejjeż tal-War Damage Commission, u jistmah bħala tali.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attriċi, wara li ppre-

mettiet li hija u l-konvenuti jipposjedu indiviżament flimkien id-dar numru 23, Strada Ospedale, il-lum Old Hospital Street, Valletta, kwantu għan-nofs l-attriċi u kwantu għall-bqija, kwart il-konvenuta Carmela Chircop u l-kwart l-ieħor l-eredità ġjaċenti ta' Giuseppina Chircop; u li hija ma tridx tibqa' in komunjoni mal-konvenut; u li l-fond mhux diviżibili komodament u mingħajr ħsara; talbet li tiġi ordnata l-liċitazzjoni ta' l-istess fond billi jiġu ammessi oblaturi estranei, u r-rikavat jiġi konsegwit mill-kontendenti fil-proporzjonijiet fuq indikati. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż;

*Omissis*

**Tikkunsidra;**

Illi mir-relazzjoni tal-perit jirriżulta illi l-fond in kwistjoni ma jistax jinqasam f'żewġ parti ta' valur ugwali bil-mod kif trid il-liġi, u kwindi għandha tiġi milqugħa t-talba ta' l-attriċi għal liċitazzjoni ta' l-stess fond;

**Tikkunsidra;**

Illi l-perit iddeskriva l-fond bħala *suġġett* għas-servitujiet li sejrin jissemmew:—..................;

Illi l-attriċi tikkontesta l-eżistenza ta' l-imsemmijin servitujiet kollha, ħlief dik deskritta fin-numru 3, għaliex dina biss tirriżulta mill-imsemmi att ta' l-akkwist;

Illi mit-tieni relazzjoni tal-perit jirriżulta li din is-servitù msemmija fin-numru 3 hija ċerta, u hija dik riżultanti mill-imsemmi att ta' l-akkwist; illi hija ineżistenti s-servitù deskritta fin-numru 4; iżda huma eżistenti s-servitujiet l-oħra indikati fin-numri 1, 2 u 5, u kif fuq deskritti;

Illi b'dana kollu l-attriċi tkompli tikkontesta l-eżistenza ta' dawn is-servitujiet deskritti fin-numri 1, 2 u 5, u tibbaża din il-kontestazzjoni fuq dak li jingħad fl-art. 338 tal-Liġijiet ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, illi, jiġifieri, "To any valuation of real property the 'perito' shall append a description of the property and shall also specify the burdens to which the same is subject and the last transfer according to the information obtained from the creditor or the debtor";

Illi l-Qorti ma tistax tilqa' l-interpretazzjoni mogħtija mill-attriċi lill-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, illi, jiġifieri, il-perit għandu jindika biss dawk l-oneri li jirriżultawlu mill informazzjonijiet tal-kreditur jew tad-debitur, f'dan il-każ

mill-partijiet, u ma jistax jindika, jekk ma jirriżultawlux minn dawk l-indikazzjonijiet, laqgas dawk l-oneri li jikkonsta "de visu", kif "de visu" huma konstatabili s-servitujiet in kwistjoni. Oneri simili istgħu, anzi għandhom, jiġu indikati. Għalihom, jew aħjar għall-eżistenza tagħhom, ma hemmx bżonn l-informazzjoni tal-kreditur jew tad-debitur, u għalhekk d'na ma tirriferixxix għall indikazzjoni ta' l-eżistenza ta' dawn l-oneri. Illi ġi trid deskrizzjoni tal fond bl-indikazzjoni ta' l-oneri kollha li għalihom ikun suġġett, u tridha kemm jista' jkun preċiża, tant li d-debitur jista' jiġi kostrett jikkonferma bil-ġurament tiegħu l-informazzjoni mogħtija lill-perit jew rikjesta minnu, u ma jistax ikun li wieħed jaħseb illi fil-waqt li l-liġi trid id-deskrizzjoni tal-fond bl oneri kollha li għalihom l-istess fond ikun suġġett, fl-istess ħin dik l-istess liġi timponi lill-perit iħalli barra l-oneri li jidhru bl-għajnejn u li mingħajr l-indikazzjoni tagħhom il-fond kwindi ma jkunx ġie sewwa deskritt;

Illi għalhekk fid-deskrizzjoni tal-fond għandhom jiġu indikati anki s-servitujiet deskritti fin-numri 1, 2 u 5;

Tikkunsidra in ordni għall-kwistjoni l-oħra sollevata mill-attriċi, illi l valur stabbilit mill-perit mhux kalkulat fuq l-istat attwali tal-fond, iżda fuq dak eventwali wara li jsiru t-tiswijiet tal-ħsarat kaġunati bl-operazzjonijiet tal-gwerra;

Illi d'na l-kwistjoni ġiet sollevata billi l-perit attribwixxa lill-fond valur ta' £2000 wara li ħa in konsiderazzjoni, oltre s-sitwazzjoni u l-estensioni tal-fond, l-istat danneġġjat tal-fabbrika u ta' l-injam, u ċ-ċirkustanzi l-oħra kollha relativi għall-każ, u anki l-fatt illi l-imsemmijin ħsarat jistgħu jissewwew mis-sid u l-ispejjeż tar-riparazzjoni jiġu rifużi mill-War Damage Commission;

**Tikkunsidra**;

Illi billi l-imsemmijin ħsarat huma dovuti għal operazzjonijiet tal-gwerra, u l-ispiża li jagħmel is-sid għat-tiswija ta' dawk il-ħsarat tiġi lilu rifuża mill-Kummissjoni fuq imsemmija din il-Qorti ma tistax raġuni biex taħt dawn iċ-ċirkustanzi speċjali ma tilqax is-suġġeriment tal perit li l-fond jiġi kkunsidrat bl-imsemmijin ħsarat u valutat f'dan l-istat, kif fil-prattika qiegħed isir; u l valutazzjoni magħmula ma għandhiex titqies ireżatta għar-raġuni li jista' jingħata l-każ li l-

Kummissjoni tħallas kumpens divers mis-somma ta' l-ispiża li l-perit ikkunsidra meħtieġa għat-tiswijiet fuq indikati; għaliex ma għandux wieħed jaħseb li l-Kummissjoni ma tirrifondix sewwa l-ispiża meħtieġa, u lanqas li l-perit naqas li jżomm quddiem għajnejh liema spejjeż is-sid ikollu ġustament dritt li jitlob ir-rifużjoni tagħhom mill-Kummissjoni; u anki jekk ikun hemm xi diskrepanza bejn il-kalkolu ta' din l-istima magħmula mill-perit u dak li tagħmel l-imsemmija Kummissjoni, dana jkun żball ta' ġudizzju, li skond il-ġurisprudenza minħabba fih mhux ammess reklam;

*Għal dawn il-motivi;*

Tiddeċidi għat-tenur tat-talbiet ta' l-attriċi, u tordna illi għas-subasta għandha sservi l-istima u d-deskrizzjoni tal-fond magħmula mill-perit Ugo Mallia fl-imsemmija relazzjoni tiegħu tat-23 ta' Novembru 1944 (fol. 18), kif modifikata għar-rigward ta' l-indikazzjoni tas-servitujiet bir-relazzjoni tiegħu l-oħra tat-13 ta' Ottubru 1945 (*fol.* 41). L-ispejjeż jitħallsu mill-kontendenti in proporzjon tar-rispettiva kwota ta' komparteċipazzjoni għall-komunjoni.